*- Legittimu Kontradittur –*

*-Identifikazzjoni ta' Socjeta` b'Personalita` Legali distinta –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 1184/01/RCP**

**Camel Brand Co. Ltd.**

**vs**

**Michael Debono ezercenti l-kummerc taht l-ismijiet separati Happy Saver Supermarket, RC Supermarket, Savemart Supermarket, MA Supermarkets u M.A. Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici prezentata fis-27 ta' Lulju 2001 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef erba' mija tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM6,483.61c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija, inkluz oggetti tal-ikel, mibjugha u konsenjati lilhom jew min minnhom mill-istess socjeta' attrici.

Illi ghalkemm debitament interpellati l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti qieghdha tannetti ma' dan l-att affidavit mmarkat Dok. A a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-istess attrici talbet lill-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef erba' mija tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu

(LM6,483.61c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom jew min minnhom mibjugha mill-istess socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici talbet ukoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ispejjes ta' din il-procedura, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju 2001, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv, u ngungiet lill-konvenuti jew min minnhom minn dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata mahlufa minn Mark Micallef, direttur tas-socjeta' attrici, u l-affidavit tieghu stess u l-lista tax-xhieda prezentati mac-citazzjoni.

Rat id-dokumenti ezebiti mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mis-socjeta' M.A. Supermarkets Limited fil-11 ta' Lulju 2001.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2001 il-konvenut Michael Debono *proprio* gie awtorizzat minn din il-Qorti jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet peress li deherilha li kellu eccezzjonijiet validi x'jaghti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata minn Michael Debono ezercenti l-kummerc taht l-ismijiet separati Happy Saver Supermarket, RC Supermarket, Savemart Supermarket u MA Supermarkets li tghid:

1. Illi in linea preliminari Michael Debono ma ghandux la r-rapprezentanza tad-ditta Happy Saver Supermarket u lanqas qatt ma nnegozja taht dan l-isem.

2. Illi sussidjarjament id-ditta MA Supermarkets ma tezistix.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma mitluba fic-citazzjoni ma hijiex dovuta minn l-eccipjenti pero' hija dovuta mis-socjeta' konvenuta M.A. Supermarkets Limited kif inoltre ammettiet hi stess permezz ta' nota ta' ammissjoni pprezentata fl-atti tal-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Michael Debono u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza, inkluzi n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi s-socjeta' attrici kienet bieghet merkanzija lill-konvenuti, jew min minnhom, ta' liema merkanzija baqghet ma thallsitx, u ghalhekk giet ipprezentata din c-citazzjoni. Gie spjegat kif meta kienet titqassam il-merkanzija mis-socjeta' attrici kienet tinhareg *invoice*, u dan bhat-tlett *invoices* li

gew ezebiti bhala dokumenti MA 1 u MA 2. Dawn l-*invoices* kienu jinhargu fuq l-isem ta' s-*supermarket* fejn kienet qieghdha tigi konsenjata l-merkanzija, u ma hemm l-ebda indikazzjoni fuqhom min kienet il-persuna li kienet qieghdha takkwista l-merkanzija. Illi fil-fatt mill-istess *invoices* ma jidhrix li b'xi mod gie indikat l-isem ta' ebda socjeta` registrata, b'personalita` guridika distina mill-komponenti taghha, izda biss isem ta' azienda jew *trade name*. Dwar il-procedura tal-bejgh xehdu Mark Micallef, rapprezentant tas-socjeta' attrici u zewg *salesman* impjegati maghha.

Illi **Mark Micallef** spjega kif wara li l-hlasijiet dovuti lis-socjeta' attrici ma bdewx jitwettqu, huwa stess kien kellem lil Michael Debono f'diversi okkazzjonijiet, u dan Michael Debono kien weghdu li l-kontijiet kien ser ihallashom personalment. Fil-fatt Michael Debono kien tah numru ta' *cheques post-dated* li kellhom jimmaturaw kull gimgha, liema *cheques* huma intestati "MA SUPERMARKETS A/C PURCHASING". Dawn c-*cheques* ma gewx onorati, hekk kif jirrizulta minn diversi ittri ezebiti f'din il-kawza mibghuta mill-HSBC Bank Malta plc lis-socjeta' attrici. Illi hawn jidher l-involviment tal-konvenut personalment fin-negozju mertu tal-kawza odjerna, b'riferenza diretta ghalih fil-kwalita` tieghu personali bla ebda riferenza ghall-ebda socjeta`.

Illi **Michael Debono** min-naha tieghu spjega li huwa kien direttur tas-socjeta' M.A Supermarkets Limited, li kienet tiggestixxi numru ta' *supermarkets* ossija hwienet

imsemmija Price Point Supermarket, Savemart Supermarket, Merry Saver Supermarket, RC Supermarket u Ganza Supermarket. Huwa nsista li qatt ma ggestixxa dan in-negozju f'ismu personali, u ddeskriva bhala zball tal-Bank of Valletta p.l.c. li c-*cheques* ma ghandhomx imnizzel "LIMITED" wara l-isem "M.A. SUPERMARKETS". Huwa cahad li qatt wieghed lis-socjeta' attrici jew lil rapprezentanti taghha li kien ser jaghmel tajjeb personalment ghad-dejn tal-kumpanija.

Illi l-konvenut Michael Debono pproduca bhala xhud lil rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., li kkonferma li l-kont li minnu nhargu c-*cheques* surriferiti kien f'isem is-socjeta' M.A. Supermarkets Limited, pero` ma giet esebita ebda dokumentazzjoni li turi dan, u lanqas gie spjegat ghaliex tali *cheques* ma gewx indikati bl-isem tal-istess kumpanija.

Illi Michael Debono ma kkontestax l-ammont mitlub fic-citazzjoni u lanqas li l-*invoices* relattivi mahruga mis-socjeta' attrici kienu kollha intestati f'isem is-*supermarket* fejn ikun tqassam ix-xoghol u mhux f'isem is-socjeta' M.A. Supermarkets Limited. Ghalhekk l-unika haga li trid tiddetermina din il-Qorti sabiex tiddeciedi din il-kawza hija s-segwenti: peress li matul in-negozju li sehh bejn il-kontendenti (almenu minn dak li rrizulta waqt dawn il-proceduri) ma gie fl-ebda mument indikat espressament li dan kien qieghed jigi gestiti minn socjeta' b'responsabilita' limitata, ossija s-socjeta' M.A. Supermarkets Limited, dan

ifisser li Michael Debono huwa personalment responsabbli ghal dan id-debitu?

Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-*invoices*, *statements*, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut Michael Debono li jgib il-prova li s-socjeta' attrici kienet giet mgharrfa li n-negozju kien qieghed jigi gestit minn socjeta' kummercjali, skond hu s-socjeta' M.A. Supermarkets Limited. Il-konvenut ma jistax jinnega li mill-provi dokumentarji kollha prodotti, inkluzi c-*cheques* li ma gewx onorati, minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta' attrici qatt setghet tiddeduci li kienet qieghdha tinnegozja ma' kumpanija b'personalita' guridika distinta. Illi jinghad li s-sitwazzjoni baqghet l-istess anke minn dokumenti mahruga minnu bhal ma huma c-*cheques* mahruga f'isem tad-ditta li kien igesti n-negozju tas-supermarkets.

Illi dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet "**Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef**" (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, fejn il-fatti kienu simili ghal dawk in ezami, inghad *"Illi f'dawn ic-*

*cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna**" (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, intqal: *"Illi hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta' attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta' attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"*.

Illi l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward Borg)**" deciza fl-10 ta' Mejju 1990, qalet illi: *"La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx*

*ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollh li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel."* F'dak il-kaz ukoll fil-kitba kollha li giet skambjata bejn il-kontendenti ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-konvenut kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' *limited liability company*, u ghalhekk il-Qorti ddecidiet li l-konvenut kien personalment responsabbli ghall-hlas.

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Stellini noe. vs Emmanuel Cassar**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April 1993, intqal illi *"din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur … ... seta' ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li t-talbiet attrici ghanhom jigu milqugha anke fil-konfront tal-konvenut Michael Debono fil-kwalita` tieghu personali premessa, minhabba dak premess,u fil-konfront tas-socjeta` konvenuta stante l-ammissjoni taghha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Debono, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

2. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef erba' mija tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM6,483.61c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha mill-istess socjeta' attrici.

Bl-ispejjez ta' dawn l-proceduri, dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju 2001, u bl-imghax dekorribbli mid-data tas-16 ta' Jannar 2001 sal-effettiv pagament, li jigu sopportati mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Marzu 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu 2002**